# BEATI U QADDISIN...MEJJU

## SAN GWANN NEPUMOCENO

16 ta' Mejju


José Campeche y Jordan (1751-1809), S. Giovanni Nepomuceno, 1798 c.
Smithsonian American Art Museum, Teodoro Vidal Collection

San Gwann twieled gewwa Nepmue fil-Bohemja, minn genituri fqar fis-sena 1300 wara li huma talbu lil Alla biex ikollhom wild.

Meta kiber huwa sar sacerdot, li bil-hajja qaddisa tieghu gibed l-attenzjoni ta' l-Imperatur Winceslaws li appuntah kappillan tal-qorti rjali. Bl-ezempju u l-pridki tieghu huwa kkonverta bosta nies, l-aktar dawk li kienu jahdmu qrib ir-re. Fost dawk li kienu jitlobu l-pariri u t-tmexxija tieghu kien hemm ir-regina li kienet issofri hafna minhabba l-ghira ta' zewgha. Il-qaddis kien jghidilha biex iggor dan is-salib bil-pacenzja u ferh.

Jum wiehed l-imperatur resaq lejn is-sacerdot u talbu biex jghidlu dak li kienet tqerr martu. Is-sacerdot irrifjuta li jaghmel dan billi jekk jaqta'  ix-xewqa tar-re, ikun qed jikser is-sigill tal-qrar.

Ir-re xehet lil Giovanni fil-habs biex ibezzghu, izda ma rnexxilux. Imbaghad stiednu fil-palazz u weghdu hafna rikezzi jekk icedi ghat-talba tieghu u sahansitra heddu bil-mewt jekk jibqa' jirrifjuta. Imma l-qaddis Gopvanni baqa' fommu sieket. Huwa ttorturah imma minn fommu ma hargux hlief il-kliem ta' Gesu' u Marija.

Meta r-re ra li ma seta' jaghmel xejn helsu.  Hawn il-qaddis taha ghall-priedki u preparazzjoni xierqa ghall-mewt billi kien jaf li din hija fil-qrib. Lejliet it-tlugh fis-sema tal-Mulej, Mejju 16,  wara li Wenceslaws ghamel l-ahhar sforz biex jikkonvinci lil Giovanni, ordna li jorbtulu idejh u saqajh u jixhtuh minn fuq il-pont ta' Praga. Il-gisem tal-qaddis instab mgharraq, gie intella mill-ilma u moghti difna xierqa.

Xi snin wara. Wenceslaws gie imnehhi minn re mill-istess sudditi tieghu u miet mewta xellerata. Fis-sena 1618 il-Kalvinisti u s-suldati Hussiti tal-Protestant Frederiku ippruvaw ripetutament ikissru l-qabar tal-qaddis San Gwann gewwa Praga. Imma kien kollu ghalxejn, anzi dawk li kienu jiehdu sehem f'din il-herba kienu jmutu fuq il-post.

Fis-sena 1620 it-truppi imperjali regghu hadu that idejhom il-belt u din ir-rebha attribewha lill-qaddis.  Jinghad li lejliet il-battalja raw lil San Gwann jhares il-katidral.  Meta il-qabar infetah 330 sena wara mewtu, ilsienu instab ma ma termirx bhal bqija ta' gismu.